MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 329/2000/1

**Maria Elvira Xuereb bhala legittimu rapprezentant tal-minuri Claudine Xuereb u b'nota tat-18 ta' Awissu 2008 Claudine Xuereb assumiet l-atti tal-kawza**

**v.**

**Anthony Taylor u Dr Edward Zammit**
**u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2003 dawn l-atti gew trasfuzi**
**f'isem Charlotte Zammit f'isimha proprio u bhala uzufruttwarja**
**u bhala prokuratrici ta' l-assenti John Edward Zammit**
**u f'isem Dr Mark Zammit u Maria Corinne mart Martin Mangion**

**u Jo-anna mart Dr Mark Farrugia lkoll bhala eredi tat-Tabib Edward Zammit minflok l-istess Tabib Dr Edward Zammit li miet fil-mori tal-kawza**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-21 ta’ Frar, 2000, li taqra hekk:
“Premess illi Claudine Xuereb li llum ghandha l-eta' tal sittax-il sena giet abbuzata sesswalment mill-konvenut Anthony Taylor;

“U premess illi gja' qed jittiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva kontra il-konvenut Anthony Taylor;

“Illi l-Consultant Psychiatrist Dr. Peter Muscat iccertiftka lill-attrici bhala li giet abbuzata sesswalment mill-eta' ta' disa' (9) snin u qed isofri minn dannu psikologiku sever u permanenti, kif jidher mill-istess certiftkat mediku hawn anness u immarkat bhala Dok. A;

“U premess illi l-konvenut l-iehor, il-konsulent mediku Dr. Edward Zammit, iffacilita' l-agir tal-konvenut Anthony Taylor billi b'neligenza, imperizja u innoservanza tar-regolamenti hariglu certiftkati medici minghajr ma' ivverifika jekk dan hux il-legittimu rapprezentant tal-minuri Claudine Xuereb u minghajr ma' effettivament ghamel vista fuq il-persuna ta' Claudine Xuereb u dana sabiex din Claudine Xuereb ma' tattendix l-iskola u Anthony Taylor ikompli jabbuza sesswalment minnha ad insaputa ta' ommha Elvira Xuereb;

“Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara illi huma risponsabbli ghall-agir rispettiv taghhom fil-konfront ta' Claudine Xuereb;

“2. Tillikwida d-danni dovuti mill-konvenuti lill-attrici; u

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Edward Zammit li in forza taghha eccepixxa illi:
“Illi fl-ewwel lok it-talbiet ta' l-attrici jinsabu fir-rigward tal-esponent preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn ghat-tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

“Illi fil-meritu l-esponent bl-ebda mod ma agixxa b'mod traskurat jew irrisponsabbli jew b'xi mod iccertifika dak li ma kienx minnu;

“Illi l-esponent bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghad-danni reklamati mill-attrici u bl-ebda mod ma agixxa skorettament fil-professjoni tieghu;

“Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat illi l-konvenut Anthony Taylor, debitament notifikat, ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza
“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tabib Edward Zammit, (illum dawn l-atti gew trasfuzi f’isem Charlotte Zammit f’isimha proprio u bhala uzufruttwarja u bhala prokuratrici ta’ l-assenti John Edward Zammit u f’isem Dr Mark Zammit u Maria Corinne mart Martin Mangion u Jo-anna mart Dr Mark Farrugia lkoll bhala eredi tat-Tabib Edward Zammit li miet fil-mori tal-kawza), tilqa t-talbiet kollha attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti, u fir-rigward tat-tieni talba attrici qeghda tillikwida d-danni dovuti mill-konvenuti lill-attrici fis-somma ta’ mija u erbatax il-elf seba’ mija u tmenin euro (€114,780), u fir-rigward tat-tielet talba attrici tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici is-somma hekk likwidata;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi irrizulta mill-affidavit bix-xiehda ta' Maria Elvira Xuereb, illi tigi omm Claudine Xuereb, illi hija saret taf lill-konvenut Anthony Taylor permezz ta' missierha Emmanuel peress li Taylor kien imur jghin lil missierha fl-inginerija tieghu u kien ukoll joqghod fi flat bieb ma bieb ma din l-inginerija. Hija xehdet li qatt ma issuspettat hazin fil-konfront ta' Anthony Taylor peress li bintha Claudine qatt ma qalet xejn dwar dak li kien gara, izda tiftakar li waqt li Taylor kien qieghed ibbajdilha id-dar taghha fis-sular ta' fuq kienet baghatet lil bintha Claudine tehodlu tazza te izda din kienet irrifjutat bil-qawwa kollha li tmur wahedha tehodlu t-te. Hija xehdet li kienet tinnota f'bintha Claudine, u f'dak li qalulha wkoll il-familjari taghha u hbieb, illi Claudine kienet maghluqa fiha innifisha, qatt ma tghid xejn u kienet pjuttost imgerxa. Ma dana kollu bl-attegjament taghha qatt ma wasalha biex tissuspetta f'Anthony Taylor. Darba minnhom fix-xahar ta' Dicembru tas-sena 1998, Claudine ma regghetx giet id-dar wara li attendiet is-skola sekondarja tal-Junior Lyceum tal-Blata l-Bajda u ghalhekk hija marret tirrapporta dan il-fatt l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun, izda hemmhekk qalulha li l-ewwel kellha tistenna 24 siegha. Hija ma setghetx tistenna u marret fil-kwartieri generali tal-pulizija sabiex dawn jinvestigaw il-kaz aktar fil-fond. Ix-xhud kompliet tghid illi regghet rat lil bintha Claudine it-Tlieta tal-gimgha ta' wara meta l-pulizija infurmawha li bintha Claudine kienet instabet fi flat fl-Imsida ma Anthony Taylor illi kien issekwestraha. Hija xehdet li saret taf min hu it-Tabib Edward Zammit meta marret tkellem lil Kap tal-Iskola tal-Junior Lyceum tal-Blata l-Bajda li qaltilhom li Claudine kienet ghadditilha zewg certifikati medici rilaxxjati mit-Tabib Dr Edward Zammit. Hija esebiet kopji ta' dawn ic-certifikati medici peress illi l-original jinsabu esebiti fil-proceduri kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Anthony Taylor, decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali). Hija xehdet li qatt ma hadet lil Claudine ghand il-konsulent mediku Dr Edward Zammit,

jew qabdet lil xi hadd biex jehodha ghandu. Hija xehdet li dak li semma it-Tabib Edward Zammit f'wiehed mic-certifikati, u cioe' li Claudine kienet ghal zmien twil fi stat ta' anzjeta, hija ma taf assolutament xejn dwaru.

"Illi l-Qorti rat ic-certifikati medici mahruga minn Dr Edward Zammit, wiehed minnhom datat 9 ta' Novembru, 1998 fejn iccertifika li Claudine Xuereb ma setghetx tmur l-iskola ghal zmien xahar peress li kienet qeghda tbaghti minn stat ta' anzjeta, u certifikat mediku iehor datat 17 ta' Dicembru, 1998 li kien jghid illi Claudine ma setghetx tmur l-iskola fl-1 ta' Dicembru, 1998, fis-7 ta' Dicembru, 1998, fl-14 ta' Dicembru, 1998 u fis-16 ta' Dicembru, 1998.

"Illi xehdet Claudine Xuereb, l-attrici, u qalet illi saret taf lil Anthony Taylor meta kienet tkun man-nannu taghha. Hija kienet affezzjonata hafna lejn nannuha u kienet tmur mieghu fil-hanut li kellu l-Marsa. Hija xehdet illi Anthony Taylor kien ikun il-hanut ta' nannuha jghinu fix-xoghol tal-hadid. Fiz-zmien in kwistjoni kellha disa' snin. Claudine Xuereb xehdet illi darba minnhom meta kellha disa' snin in-nannu kien hareg fuq qadja u Anthony Taylor kien dahhal idejh minn taht il-qalziet ta' taht illi kellha u mess il-parti privata taghha. Hija kienet imbuttatu, izda kollox kien ghalxejn peress illi Taylor baqa' izommha hemmhekk kontra l-volonta taghha. Hiha xehdet li Taylor kien iwiddibha li jekk titkellem ma xi hadd dwar dak li kien gara kien jigri xi haga lin-nannu taghha u hija qatt ma tkellmet. Kompliet tghid illi l-incidenti baqghu isehhu kull nhar ta' Sibt peress li kienet tmur tara lin-nannuha u kienet tmur tara lin-nannu ghaliex bezghet li jekk ma tmurx kien seta' jigrilu xi haga. L-attrici kompliet tixhed illi Taylor kien anke gieghelha tmiss il-parti privata tieghu u aktar minn darba kien nehha hwejgu quddiemha u kien ippenetraha u dan meta kellha 9 snin. Dan kollu baqa' sejjer sa kemm ghalqet 11 il-sena. Eventwalment meta bdiet tattendi l-iskola sekondarja il-Junior Lyceum il-Blata l-Bajda hija ma setghetx tohrog mill-iskola u sabiex jiltaqa maghha, Taylor kien jitla b'tal-linja sa hdejn l-isptar San Luqa jistenniha hemmhekk. Hi kienet tghaddi minn hemm hi u sejra ghall-iskola u kien jehodha il-flat tieghu l-Imsida qabel l-iskola. Dak iz-zmien hija kellha 15 il-sena u xehdet li dan kien

jigri kull nhar ta’ Tnejn u kull darba kienet tigi abbuzata minn Taylor sesswalment. Hija ftakret illi ghal darbtejn Taylor kien taha envelope maghluq u kienet jghidilha li dawn kienu certifikati ta’ tabib sabiex tipprezentahom l-iskola u kien jghidilha li jekk ma taghmilx hekk kien jigri xi haga kerha lin-nannu taghha u ghalhekk hija kienet ghamlet dak li qalilha hu. Hija ikkonfermat li qatt ma marret ghand xi tabib ma Taylor sabiex dan it-tabib ikun jista johorgilha l-imsemmija certifikati medici. L-attrici kompliet tghid illi ma kienet qalet lil hadd b’dak li kien gara hlief li darba wahda kienet qalet lill-habiba taghha Nancy Abela li kienet sejra x’imkien mal-bajjad. Kompliet tghid li darba minnhom Taylor kien hadha fil-flat tieghu, izda din id-darba ma kien halliha tohrog jew titlaq mill-flat. Kien sakkarha fil-kamra tas-sodda sakemm jigi mix-xoghol, jitmaha, imur ix-xoghol u jirritorna u ma kull dahla u harga tieghu mill-kamra tieghu kien dejjem jaghmel avvanzi sabiex jabbuza minnha billi imissha u jippenetraha. Dan kollu dam sejjer erbghat ijiem sa kemm fl-ahhar sabuha l-pulizija. Hija xehdet illi ghamlet zmien twil ma titkellem ma hadd dwar dak li kien gara u kien biss bl-ghajnuna ta’ psikologa u psikjatra li fl-ahhar zbukkat u bdiet titkellem dwar l-esperenzja taghha. Hija ikkonfermat li ghadha sal-lum issofri minn problemi psikologici u ma tohrogx mid-dar hlief fil-kumpanija tan-nannu taghha u dana sabiex tmur id-dar tan-nannu taghha.

“Illi xehed Emmanuel Caruana, in-nannu ta’ l-attrici u qal illi huwa qatt ma issuspetta xejn dwar Anthony Taylor li kien jigi jghinu ta’ spiss u kien anke qabdu ibajjad ghand omm l-attrici u induna biss li Taylor kien abbuza sesswalment minn neputija tieghu Claudine meta din giet nieqsa ghal xi granet u sussegwentement instabet maqfula fil-flat illi Taylor kellu l-Imsida.

“Illi xehed l-Ispettur Josef Petroni illi kien investiga l-kaz meta Claudine Xuereb kienet ghebet mid-dar taghha wara li ma irritornatx mill-iskola u ommha kienet ghamlet rapport dwar dan lill-pulizija. Huwa xehed illi wara li kellem lil xi nies certa Lindsay Abela kienet tkellmet ma WPC 64 Connie Cauchi u qaltilha li darba kienet tkellmet ma Claudine li qaltilha li jekk xi darba kellha titlaq mid-dar

kienet tmur ta' xi handyman li kien habib tan-nannu taghha. Il-pulizija saru jafu li dan il-handyman kien certu Anthony Taylor. Saret raid mill-pulizija fir-residenza ta' Anthony Taylor fejn instabet Claudine Xuereb. Claudine Xuereb kienet qalet lill-pulizija li telqet mid-dar wara li kellha argument ma ommha. Qalet li kienet ilha taf lil Taylor minn mindu kellha 9 snin peress li kien jahdem man-nannu taghha u qalet ukoll lill-pulizija li Taylor kien ilu jabbuza minnha minn dak iz-zmien. L-Ispettur kompla jixhed li kienu ittiehdu proceduri kriminali kontra Anthony Taylor u qal illi sar jaf illi sussegwentement Taylor gie misjub hati u wehel disa' snin prigunerija. Huwa xehed illi jiftakar illi l-konvenut it-Tabib Edward Zammit kien xehed fil-proceduri kriminali kontra Taylor, izda qal illi huma qatt ma hadu passi kriminali kontra t-tabib.

"Illi l-Qorti rat l-istqarrija ta' Anthony Taylor fejn ammetta illi kellu x'jaqsam sesswalment ma l-attrici meta din kienet ghadha minorrenni.

"Illi l-Qorti rat id-digriet taghha tad-19 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-perit mediku u issostitwietu b'Dr Joseph Cassar bl-istess fakultajiet; inkluz li jekk ikun il-kaz jisma xhieda bil-gurament.

"Illi l-Qorti rat id-digriet taghha tat-28 ta' April, 2004 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-perit mediku u innominat lil Dr Anna Maria Cassar bhala espert mediku biex tassisti lill-espert mediku gja nominat, bil-fakultajiet kollha soliti.

"Illi l-Qorti rat ix-xhieda ta' Maria Debono il-kap ta' l-iskola Maria Regina School Blata l-Bajda, li ikkonfermat li bejn l-1997 u l-1998 il-Kap ta' l-Iskola kienet certa Carmen Bonello. Hija xehdet li kienet giet mitluba tara kienx hemm xi certifikati medici fir-rigward ta' wahda mill-istudenti ta' l-iskola ta' dak iz-zmien, cioe' Claudine Xuereb, u mit-tfittxija li saret instab li kien hemm zewg certifikati medici mahruga mit-Tabib Dr Edward Zammit. Hija esebiet fotokopja ta' dawn iz-zewg certifikati u qalet illi c-certifikati orginali kienu inhargu xi zmien qabel fuq talba ufficjali.

“Illi xehdet ukoll Carmen Bonello illi kienet Kap ta’ l-Iskola in kwistjoni bejn in-1995 u l-2003. Ftakret lil Claudine Xuereb u ftakret li darba minnhom riedu jkellmuha l-pulizija dwar Claudine Xuereb peress illi ma kienitx irritornat id-dar mill-iskola. Hija xehdet illi normalment meta ic-certifikat mediku ikun ghall-perjodu twil, per ezempju xahar jew aktar, kienu jirreferu ic-certifikat mediku lill-Welfare Section tal-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni sabiex jaghmlu indagini, izda ma setghetx tghid jekk garax hekk f’dan il-kaz partikolari u lanqas jekk dan ic-certifikat kienx marbut mal-perjodu meta Claudine Xuereb ma kienitx irritornat id-dar mill-iskola.

“Illi Maria Debono regghet xehdet u qalet illi kien hemm diversi cerfikati medici li kienu inhargu fir-rigward ta’ l-attrici u fil-fatt esebithom.

“Illi dawn ic-certikati medici inhargu minn Dr Robert Naudi, Dr Sandra Gauci, mic-Centru tas-Sahha u tnejn minnhom inhargu minn Dr Edward Zammit. Kien hemm ukoll nota minn omm it-tifla fis-sens li t-tifla ma marritx l-iskola peress li kienet ma tiflahx, u effettivament kien hemm erba’ noti f’dan is-sens miktuba minn omm it-tifla, fis-sens illi bintha ma kienitx attendiet l-iskola peress li kienet indisposta.

“Illi l-Qorti rat ir-rapport tal-Periti Medici minnha innominati, pprezentat u ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta tat-3 ta’ Mejju, 2005.

“Illi l-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-espert psikjatra huma s-segwenti :

“(1) Is-Sinjorina Claudine Xuereb tidher li qed tbati minn disturbi psikologici serji li qed jaffetwalha l-hajja ta’ kuljum.

“(2) L-ezami psikjatriku huwa ndikatur ta’ xi hadd li jbati minn problema severa ta’ Post Traumatic Stress Disorder b’limitazzjonijiet serji li jaghmlu s-Sinjorina Xuereb invalida ghal xoghol u relazzjonijet normali.

“(3) Post Traumatic Stress Disorder hija dizordni li tista tigi komunament kkawzata minn abbuz sesswali jew fiziku. Hija kundizzjoni permanenti ta’ anzjeta kbira.

“(4) Skond l-iskeda Impairment Schedule to Social Security Act, Schedule 1B li tintuza mid-dipartiment tas-Servizzi Socjali fl-assessjoni ta’ dizabilita, is-Sinjorina Claudine Xuereb ghandha dizabilita ta’ hamsin fil-mija (50%).”

“Rat id-digriet taghha fejn ordnat lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jesebixxi kopja tal-proceduri kriminali decizi mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-24 ta’ Settembru 2001 fl-ismijiet Pulizija kontra Anthony Taylor.

“Ikkundisrat :

“Illi l-Qorti rat l-atti kollha tal-proceduri decizi mill-Qorti Kriminali kontra l-konvenut Anthony Taylor u senjatament rat ix-xhieda ta’ l-attrici fejn qalet illi meta ghalqet hdax il-sena ma baqghetx tmur il-hanut tan-nannu, ghalhekk ma baqghetx tara lil Taylor, umbaghad f’daqqa wahda Taylor kien gie l-iskola taghha, gabilha certifikat fis-sens li kienet marida ghal tlett ijiem u ma setghetx tmur l-iskola u ordnalha taghtih lill-headmistress, u li jekk ma tatihulhiex kien jigri xi haga lil nannuha. Hija qalet illi ghalhekk obdietu u ghamlet kif qalilha hu. L-attrici xehdet f’dawk il-proceduri illi ma kienitx marret l-iskola ghal tlett ijiem izda kienet marret id-dar ta’ nannuha fil-Wardija u gabet ic-cavetta ta’ din id-dar mill-karozza ta’ zijuha ghaliex kienet taf illi c-cavetta kienet qeghda hemmhekk. Hija xehdet li marret f’din id-dar ma Taylor, f’din id-dar kien hemm il-kmamar tas-sodda u Taylor kien rega’ abbuza minnha f’din id-dar. Hija ippruvat tinbuttah u tahrablu, izda ma setghetx ghaliex hu kien ibezzaha bin-nannu. L-attrici xehdet illi f’dawk it-tlett ijiem dejjem kienet baqghet tmur mieghu fid-dar tal-Wardija. L-attrici kienet xehdet ukoll illi meta kienet tattendi l-iskola ta’ St Andrews, Taylor kien tfacca l-iskola u kien qal illi huwa zijuha u li kellu bzonn jehodha ghand it-tabib. F’dik l-iskola ma kienux jivverifikaw jekk fil-fatt dan kollu kienx minnu jew le. Taylor ma kellux jipproduci l-identity card sabiex juri li hu

zijuha u ghalhekk kien irnexxielu johrogha mill-iskola. L-attrici xehdet li kull nhar ta' Tnejn ma kienitx tmur l-iskola, Taylor kien jistenniha barra u kien jehodha l-flat tieghu l-Imsida u dan baqa' jigri sakemm kienu sabuha hemmhekk il-pulizija.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti rat ix-xhieda illi ta fil-proceduri kriminali il-konvenut it-Tabib Edward Zammit illi miet fil-mori ta' dawn il-proceduri. Huwa kien xehed illi huwa kien jaf lill-konvenut Taylor u kien jaf ukoll lil Claudine Xuereb ghaliex kien hadha ghandu Taylor. Ix-xhud, il-konvenut odjern it-Tabib Zammit kien gharaf il-firem tieghu fuq il-fotokopji tac-certifikati medici u huwa qal illi minkejja li ma jiftakarx huwa probabbli illi huwa ezamina lil Claudine Xuereb la darba hareg ic-certifikati. Dr Zammit xehed illi kien jaf li Taylor ma kienx missier Claudine Xuereb, kien jaf li suppost cempel lill-genituri taghha, izda ma ftakarx jekk ghamilx dan jew le u spjega li huwa kien qieghed isofri minn marda terminali u li minhabba t-testijiet illi kien qieghed jaghmel ma setax ikun mija fil-mija cert minn dak li qieghed jghid fix-xhieda tieghu. It-Tabib Zammit ikkonferma fix-xiehda tieghu illi huwa ghamel certifikat li kien ikopri erba' dati illi matulhom l-attrici ma kienitx marret l-iskola u ikkonferma illi meta hareg ic-certifikat in kwistjoni huwa ma kienx ezaminha fid-dati kollha meta iccertifikaha bhala mhux "medically fit" illi tattendi l-iskola.

"Illi l-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici u dik tal-konvenuti Charlotte Zammit et.

"Illi l-Qorti rat il-verbal taghha tas-seduta tal-4 ta' Gunju, 2008 fejn l-avukati tal-attrici u tat-Tabib Zammit qablu illi l-proceduri decizi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandhom jaghmlu stat f'dawn il-proceduri.

"Ikkunsidrat :

"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mill-konvenut it-Tabib Zammit, il-Qorti rat illi t-

Tabib Zammit hareg zewg certifikati medici, wiehed fid-9 ta' Novembru, 1998 u l-iehor fis-17 ta' Dicembru 1998.

Illi c-citazzjoni odjerna giet ipprezenta fil-21 ta' Frar tas-sena 2000 u ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma tapplikax u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi din l-eccezzjoni tal-konvenut Tabib Zammit.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 ighid li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u l-artikolu 1033 tal-istess Kap. 16 jghid hekk :

""Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."

"Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:

"(1) il-fatt dannuz illecitu;

"(2) l-imputabbilita ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu;

"(3) id-dannu ikkagunat minn dan l-istess fatt u

"(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun ghamlu
"(Vide sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Dicembru 1982 fl-ismijiet Agius vs Busuttil).

"Illi hemm ir-responsabbli ghad-danni jekk tigi ippruvata konnessjoni logika ta' kawza u effett bejn l-att u d-danni ikkagunati minn l-istess att.

"Illi l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili jghid illi ghar-rigward ta' danni il-qorti trid tiehu is-segwenti in kunsiderazzjoni :

“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t-telf ta’ qliigh li tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem totali jew parzjali li dak l-eghmil seta’ jgib.

“Illi in linea ta’ principju jinsab enuncjat li “hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta’ kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza.” (kollez. Vol. XLIV P1 p343).

“Illi kif diga intqal, il-konvenut Anthony Taylor huwa kontumaci u lanqas ma ipprezenta xi nota ta’ sottomissjonijiet f’dawn il-proceduri.

“Illi l-espert tal-Qorti il-psikjatra Dr Joseph Cassar stabilixxa li l-attrici ghandha dizabbilita ta’ hamsin fil-mija (50%) tort ta’ l-esperjenzi illi ghaddiet minnhom meta giet abbuzata sesswalment mill-konvenut Taylor meta kienet ghadha minorrenni.

“Illi l-Qrati taghna stabbilew formola dwar il-kalkolu tal-kumpens jew somma ghad-danni sofferti u dan kif irrizulta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Frar 1967 fl-ismijiet Michael Butler vs Peter Christopher Heard, izda xorta wahda l-margini tal-attitudni diskrezjonali trid dejjem tithalla lill-gudikant. (vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta’ Mejju 1983 fl-ismijiet Bugeja vs Borg).

“Illi din id-diskrezzjonji giet adoperata fil-kaz tal-multiplier billi din ma baqghetx marbuta mal-massimu ta’ ghoxrin (20) sena ‘working life expectancy’, kif ukoll fir-rigward tal-‘lump sum percentage deduction’ (Vide sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-23 ta’ Marzu 1990 fl-ismijiet Kevin Agius vs Colin Murphey u sentenza ta’ din il-Qorti datata 5 ta’ Ottubru, 1993 fl-ismijiet Mark Caruana vs Grazio Camilleri).

“Ikkunsidrat :

"Illi ghal dak illi jirrigwarda responsabbilita, jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenut Anthony Taylor huwa responsabbli ghad-danni illi ikkaguna lill-attrici. Huwa fatt ukoll illi l-istess konvenut Anthony Taylor baqa kontumaci u ghalhekk il-Qorti tara illi t-talbiet kollha tal-attrici gew ippruvati u konsegwentement ghandhom jigu milqugha fil-konfront tal-konvenut Anthony Taylor.

"Illi ghal dak illi jirrigwarda il-konvenut Dr Edward Zammit, l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili jipprovdi li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u l-Artikolu 1033 tal-istess Kap. 16 jistabilixxi illi hemm obligazzjoni ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba dan in-nuqqas.

"Illi meta kien qieghed jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti Struttorja) fl-20 ta' Ottubru, 1999, il-konvenut Dr Zammit ghazel li ma jirrispondix meta gie mistoqsi jekk il-konvenut Anthony Taylor kienx gab lill-attrici ghandu qabel jinhargu certifikati medici biex l-attici ma tattendix l-iskola. Izda sussegwentement gharaf ic-certifikati mahruga minnu. Il-konvenut Zammit fix-xiehda tieghu ma ftakarx mija fil-mija jekk ezaminax lill-attrici, izda xehed illi huwa probabbli illi ezaminha jekk hareg ic-certifikati. Il-konvenut xehed ukoll illi kien jaf illi l-konvenut Taylor ma kienx missier it-tifla u li s-soltu f'kazijiet bhal dawn icempel lill-genituri jekk il-minorrenni tmur ghandu wahedha, izda ma ftakarx jekk f'dan il-kaz kienx cempel lil omm l-attrici. Huwa ma setghax jispjega ghalfejn fic-certifikat datat 17 ta' Dicembru, 1998 huwa iccertifika li l-attrici ma setghetx tmur l-iskola fl-1, fis-7, fl-14 u fis-16 ta' Dicembru meta huwa suppost illi ezaminha biss fis-17 ta' Dicembru, 1998.

"Illi da parti taghha l-attrici xehdet illi qatt ma marret ghand xi tabib mal-konvenut Taylor sabiex dan it-tabib ikun jista johrog certifikati medici rigward taghha.

"Illi omm l-attrici xehdet illi saret taf bit-tabib Zammit meta marret tkellem lill-kap ta' l-iskola u din qaltilha illi t-tabib Zammit kien irrilaxxja zewg certifikati medici fil-konfront ta' bintha. Omm l-attrici xehdet illi qatt ma hadet lill-bintha

ghand Dr Edward Zammit u qatt ma inkarigat lil hadd sabiex jiehu lil bintha ghand dan it-tabib.

“Illi ghalhekk irrizulta car mill-provi illi it-Tabib Zammit, minkejja li kien jaf lill-konvenut Taylor ma kienx missier l-attrici, qabad u hareg ic-certifikati medici minghajr ma indenja ruhu jikkonsulta il-genituri tal-attrici. Ghalhekk tirrizulta in-negligenza u n-nuqqas serju ta’ professjonalita da parti tieghu.

“Ikkunsidrat :

“Illi dwar “damnum emergens” l-attrici ma ressqet l-ebda prova fis-sens illi baghtiet xi spejjez tort ta’ dak li gralha u ghalhekk certament dawn id-danni ma jirrizultawx.

“Izda pero’ l-istess ma jistax jinghad dwar il-“lucrum cessans”. Irrizulta illi, tort ta’ dak illi gralha, l-attrici sofriet u ghadha issofri minn problemi psikologici serji u d-dizabbilita li qeghda isofri minnha hija ta’ hamsin fil-mija (50%), kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

“Illi fir-rigward tal-multiplikand il-Qrati taghna stabbilew illi meta il-vittma tkun ghadha taht l-eta l-introjtu taghha ghall-finijiet tal-kalkolu tal-“lucrum cessans” ghandu jinhadem fuq il-bazi tal-paga minima nazzjonali.

“Illi l-paga minima nazzjonali ghall-minorrenni fil-gimgha, fis-sena 1999 kienet ta’ sebgha u erghin lira u tmienja u tletin centezmu (LM47.38) u ghalhekk dawn jammontaw ghas-somma ta’ elfejn erba mija tlieta u sittin lira sitta u sebghin centezmu (LM2,463.76) fis-sena, ekwivalenti ghas-somma ta’ hames telef seba mija disgha u tletin euro (€5,739).

“Illi ghal dak illi jirrigwarda il-multiplier, dan ghandu jkun ibbazat fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tal-persuna u ghalhekk ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ic-‘chances and changes of life’. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Jannar, 2003 fl-ismijiet Paul Bottone et vs Rita Saliba).

“Illi l-perjodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi ikkunsidrat li jibda jiddekkorri mid-data ta’ l-incident.

“Illi l-Qorti tara illi f’dan il-kaz billi l-abbuz fuq il-persuna tal-attrici beda isehh meta l-attrici kellha biss 9 snin u tenut kont tac-‘chances u c-changes of life’, il-multiplier ghandu jkun ta’ erbghin sena, u dan anke minhabba ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern u anke minhabba t-trapass taz-zmien, peress li din il-kawza ilha sejra disa snin u anke minhabba l-gravita tal-kaz. Dan il-principju gie wkoll addottat fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ Novembru 2003 fl-ismijiet Turner vs Agius.

“Illi ghalhekk il-Qorti sejra taddotta is-segwenti formola fil-komputazzjoni tad-danni dovuti lill-attrici mill-konvenuti :
€5,739 x 40 x 50% dizabbilita = mija u erbatax il-elf seba’ mija u tmenin euro (€114,780) bhala lucrum cessans.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Charlotte Zammit f’isimha proprio u bhala uzufruttwarja u bhala prokuratrici tal-assenti John Edward Zammit u ta’ Dr Mark Zammit, u Maria Corinne mart Martin Mangion u Joanna mart Dr Mark Farrugia, ilkoll bhala eredi tat-Tabib Edward Zammit minflok l-istess Tabib Dr Edward Zammit li miet fil-mori tal-kawza, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghgobha:
”… … … tirriforma s-sentenza tad-19 ta’ Novembru, 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan billi tikkonfermaha fir-rigward tal-kundanna fil-konfront ta’ Anthony Taylor u tirrevokaha fil-kumplament biex b’hekk tillibera lill-appellanti minn kull responsabbilita`, htija, jew kundanna ghall-hlas u, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti, tichad it-talbiet tal-attrici appellata fil-konfront tal-istess appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata. Rat ir-risposta ta’ Claudine Xuereb li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-appell kif imressaq mill-appellanti jigi michud u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti;”

Rat ir-risposta ta’ Claudine Xuereb li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-appell kif

imressaq mill-appellanti jigi michud u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza qed jigi allegat li Claudine Xuereb, meta kienet ghadha minuri, giet abbuzata sesswalment mill-konvenut Anthony Taylor. Kontra dan Taylor, ittiehdu proceduri kriminali, instab hati, anke mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2001, u gie kkundannat ghal disa' (9) snin prigunerija. Il-konvenut Anthony Taylor ma appellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti li nghatat f'din il-kawza u li sabitu responsabbli ghad-dannu psikologiku li allegatament sofriet l-attrici rizultat ta' dan l-agir tieghu.

L-attrici ressqet il-kawza wkoll kontra Dr. Edward Zammit u akkuzatu b'nuqqasijiet fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu meta hareg certifikati medici fil-konfront tal-allura minuri biex jiskuzaha milli tattendi l-iskola fi granet partikolari. Dawn ic-certifikati nhargu wiehed fid-9 ta' Novembru, 1998, u l-iehor fis-17 ta' Dicembru, 1998, u nhargu, qed jigi allegat, minghajr ma t-tabib invista lit-tifla u harighom f'idejn Anthony Taylor, minghajr ma vverifika jekk dan kienx il-legittimu rapprezentant tat-tifla. B'dan l-agir it-tabib "iffacilitizza" il-kondotta ta' Anthony Taylor, peress li hu seta' jabbuza minnha minghajr ma tal-iskola jirrapportaw l-assenza taghha.

Fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti, riprodotta bhala parti minn din is-sentenza, hemm deskrizzjoni tajba u dettaljata tal-fatti u c-cirkostanzi li wasslu ghal dawn il-proceduri.

Dr. Zammit ma lahaqx xehed f'dawn il-proceduri peress li hakmitu marda serja li wasslet ghall-mewt tieghu fil-mori. Hu, pero`, kien tressaq bhala xhud fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra Anthony Taylor. Meta xehed f'dawk il-

proceduri, it-tabib gharaf ic-certifikati mahruga minnu, u qal illi minkejja ma jiftakarx, probabbli illi huwa ezamina lill-minuri la darba hareg c-certifikati. Dr. Zammit xehed ukoll li kien jaf li Anthony Taylor ma kienx missier it-tifla, izda ma jiftakarx kienx ikkomunika mal-genituri tat-tifla jew le. Kemm it-tifla kif ukoll il-genituri taghha xehedu illi huma qatt ma marru ghand Dr. Zammit u qatt ma rcevew komunikazzjoni minghandu.

L-ewwel Qorti, a bazi tal-provi li ngiebu quddiemha, ikkonkludiet li Dr. Zammit, fil-verita`, qabad u hareg ic-certifikati medici minghajr ma ndenja ruhu jikkonsulta l-genituri tat-tifla; ghalhekk, sabet li kienet tirrizulta negligenza u nuqqas serju ta' professjonalita` da parti tieghu. Hi sabitu ko-responsabbli ma' Anthony Taylor ghad-danni li sofriet it-tifla.

Mis-sentenza appellaw l-eredi ta' Dr. Zammit li lmentaw mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li implikat b'mod dirett lil Dr. Zammit fl-abbuz sesswali li Anthony Taylor wettaq fuq it-tifla Claudine Xuereb. Huma jsostnu li Dr. Zammit la kien jaf x'kellu f'mohhu dan Taylor, u lanqas kien prevedibbli li c-certifikati kellhom skop hekk malin.

Din il-Qorti tirrileva li hawn ninsabu fil-kamp ta' delitt jew kwazi delitt, peress li qed jigi allegat li Dr. Zammit agixxa b'nuqqas ta' professjonalita` meta hareg certifikati medici li ma kellux johrog.

F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, il-Kodici Civili jipprovdi inter alia s-segwenti disposizzjonijiet:

***1029.*** *Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew fuq il-beni tieghu tigri l-hsara.*

***1030.*** *Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dan l-uzu.*

***1031.*** *Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*

***1032*** ***(1)*** *Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

***(2)*** *Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.*

**1033.** *Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.*

Il-htija jew kolpa fil-kaz ta' fatt li jikkawza l-hsara, u li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha meta wiehed jaghmel att volontarjament, u huwa jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dan l-att, meta huwa seta' jipprevedi dak l-effett dannuz. L-istess tip ta' htija tiskatta meta wiehed jonqos li jaghmel xi haga li jkollu d-dmir li jaghmel u b'hekk jikkawza danni lil haddiehor, danni li seta' jipprevedi.

Fil-kawza **Cassone v. Calamatta** deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2008, saru dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:
"Id-dottrina legali taghti diversi definizzjonijiet tal-"culpa". Carrara (Programma, Parte Generale, Vol. I para. 80) jikkummenta hekk:

"*Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara` sempre questo (1) volontarieta` dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilita` di prevedere.*"

"Aktar 'l isfel ezattament fil-paragrafu 83, dan l-awtur jirribadixxi hekk:

"*...... la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita*`"

"23. Kif jinghad fil-kollezzjoni Vol. XLVIII. Part I, P. 258:

"Prevedibbilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili."

“Jinghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1954, fil-kawza **Carmela Fenech proprio et nomine v. Antonio Galea**:

"F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilita` hija dik medja, ossia ordinarja, cioe` dik ta' bniedem prudenti."

“Prinicpju iehor kardinali f'materja ta' danni akwiljani huwa li sabiex ikun hemm lok ghad-danni jrid ikun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza.”

Il-htiega li jigi stabbilit dan in-ness ta’ kawzalita` jinsab enuncjat fid-duttrina u f’diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna. Hekk, fil-kawza, **Bugeja v. Gatt** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-20 ta’ Ottubru, 2003, intqal illi:
“min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew omissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew omissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti”

Hekk ukoll, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cefalu v. Crown Hotels Ltd.**, deciza fis-26 ta’ April, 2012 qalet li:
“In linea ta’ principju jinsab enuncjat li “*hu mprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta’ kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza* (kollez. Vol. XLIV P1 p343).”

Fil-fehma tal-Qorti, f’dan il-kaz, ma saretx il-prova rikjesta, lanqas fuq grad ta’ probabbilita`, ta’ kawza u effett bejn l-agir ta’ Dr. Zammit u d-danni sofferti mit-tifla. Ma jirrizultax li dan it-tabib kien jaf jew seta’ kien jaf bil-pjan ta’ Anthony Taylor. Dan Anthony Taylor kien habib tan-nannu tat-tifla, u din kienet ta’ spiss tmur man-nannu fil-hanut li kellu l-Marsa, u hemm iltaqghet u saret hbieb ma’ dan Taylor. Hu ghalhekk, li meta dan Taylor avvicina lil

Dr. Zammit ghal certifikati medici, din il-persuna kellha bizzejjed informazzjoni fuq it-tifla biex tindika lit-tabib li hu kien habib tal-familja. Hi x'inhi hi, ma tirrizulta ebda ombra ta' prova li Dr. Zammit seta' jipprevedi x'se jigri u lanqas ma rrizulta li kellu xi ideja tal-hsieb li kellu Taylor fuq l-uzu tac-certifikati.

Il-prevedibbilita` trid tkun ta' probbabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew inverosimili.

Il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha billi wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta' jipprevedi dak l-effett.

Biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuz, "'prevedibbilita`' li trid tkun ta' probbabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (**Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza".* Ara **Alpa** *"La Responsabilita` Civile", Trattato di Diritto Civile, Milano* 1999 p. 261 u **Franzoni** *"Le Obbligazioni da Fatto Illecito",* Ed. Utet, 2004, p. 42.

Il-fatt li c-certifikat tas-17 ta' Dicembru, 1998, intalab u nhareg ghall-granet li diga` skadew, ma kellux idahhal suspett f'mohh it-tabib. Mhux l-ewwel darba li certifikat tal-mard jinhareg wara li dak li jkun, ma jkunx mar ghax-xoghol jew naqas li jibghat lit-tfal l-iskola. Anke n-nannu tat-tifla qal li hu qatt ma ssuspetta xejn dwar Anthony Taylor. Is-suspetti inqalghu meta t-tifla ghebet ghal xi granet u instabet maqfula fil-flat li Taylor kellu l-Imsida.

Il-fatt li Dr. Zammit seta' agixxa b'nuqqas ta' professjonalita` ma jwassalx <u>wahdu</u> ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ta' dannu. Irid dejjem jirrizulta ness ta' kawza u effett bejn dak in-nuqqas u d-dannu.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bonello v. Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar, 1997, fil-kuntest ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku:
"Ghalkemm l-attur kien qed isuq b'velocita` eccedenti l-velocita` massima, konsentita mir-regolamenti, dan ma kienx il-kawza determinanti tal-kollizjoni, imma l-kawza prossima taghha tinstab fil-fatt illi l-konvenut (l-appellat) li ra (f'dan il-kaz lanqas biss ra) l-karozza tal-attur … meta kien wasal fl-onkrocju tat-toroq ha r-riskju li sewwieq prudenti ma kellux jiehu billi minflok baqa' fejn kien wieqaf sakemm tghaddi l-karozza tal-attur (l-appellant) invadielu d-dritta tieghu u hariglu quddiemu … Ghalhekk huwa responsabbli ghall-habta l-konvenut u mhux l-attur.

Il-velocita` eccessiva (li in *civilibus* mhix limitata ghall-velocita` in eccess ta' dak regolamentari, imma tista' tkun in eccess ta' dik konsentita lil sewqan prudent skont il-lokalita` u c-cirkostanzi) tista' titqies bhala fattur li jaddebita responsabbilita` jew kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn jew jigi ppruvat li dik il-velocita` <u>kienet ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b'mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni</u> kagonati mill-istess sinistru." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-kawza prossima tal-hsara li sofriet l-attrici, ma kienx l-agir ta' Dr. Zammit, anke jekk jista' jitqies agir negligenti, izda l-kondotta ta' Anthony Taylor, li holoq pjan machiavalesk biex ikun jista' jikkorrompi tifla ta' familja hbieb tieghu b'mod klandestin.

Ma giex muri li l-agir ta' Dr. Zammit b'xi mod ikkontribwixxa ghad-danni. Kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fit-18 ta' Settembru, 2012, fil-kuntest ta' allegat "*mishandling*" ta' pazjent min-nurses fil-post tal-incident u fl-isptar,
"Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li m'hemmx prova li tista' twassalha biex tikkonkludi li fuq bilanc ta' probabilita' l-mod kif inharget mill-vettura u dak li ghamlu n-nurses fil-post fejn sehh l-incident, ikkawza iktar hsara lill-attrici; *"Where damage results from multiple causes the courts*

*often resort to the test of 'but for cause' – would the loss have been incurred but for the defendant's negligence. This notion is based on the view that a defendant should be liable only to the extent that it can be shown that his conduct was a condition of the claimant's hurt."* (*Markesinis and Deakin's Tort Law*).

Anke hawn, lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-wega' tat-tifla kien b'xi mod marbut mal-agir ta' Dr. Zammit. Anthony Taylor kien jabbuza bit-tifla mis-sena 1992 sal-1998, u inqeda b'diversi certifikati medici (mhux ta' Dr. Zammit) u bi stragemmi ohra biex jaghmel dak li ghamel. Ic-certifikati li hareg Dr. Zammit bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li kkontribwew ghad-danni subiti mit-tifla fil-hames snin precedenti. Inoltre, it-tifla stess tghid li Anthony Taylor kien ilu jabbuza minnha snin twal u anke kien irnexxielu jippenetraha minn mindu kellha disa' snin. Kwindi, ic-certifikati li hareg Dr. Zammit meta t-tifla kellha hmistax-il sena, ma kienux il-kawza tad-dannu li garrbet it-tifla. Dak li ried jaghmel Anthony Taylor ma kienx dipendenti fuq ic-certifikati ta' Dr. Zammit li kienu biss incidentali ghal dak li ried iwettaq Taylor.

Kwindi, din il-Qorti tara li ghandha tilqa' l-appell tal-konvenuti, armla u eredi ta' Dr. Zammit, u tillibera lil Dr. Zammit minn kull imputazzjoni ta' htija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-appellanti billi tilqa' l-istess u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fir-rigward tal-kundanna fil-konfront ta' Anthony Taylor u tirrevokaha fil-kumplament, biex b'hekk tillibera lill-appellanti minn kull responsabbilita`, htija jew kundanna ghall-hlas, u b'hekk tichad it-talbiet tal-attrici fil-konfront tal-istess appellanti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut Anthony Taylor.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------